II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2006

tat-8 ta' Diċembru 2020

li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2020 minħabba s-sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2019 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2018/1628 ([2]), (UE) 2018/2025 ([3]), (UE) 2018/2058 ([4]) u (UE) 2019/124 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2020 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2018/2025, (UE) 2019/1838 ([6]), (UE) 2019/2236 ([7]) u (UE) 2020/123 ([8]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 8).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 14).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1247 ([9]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2020 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel.

(5) Madankollu, għal ċerti Stati Membri, jiġifieri d-Danimarka, Spanja u Franza, ma seta' jsir ebda tnaqqis bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 mill-kwoti allokati għall-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed, għaliex dawn il-kwoti mhumiex disponibbli għal dawk l-Istati Membri fis-sena 2020.

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed fis-sena ta' wara dik li fiha jkunu ġew mistada żżejjed minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwoti disponibbli għal dak l-istokk, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħrajn fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati. Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2012/C 72/07 li fiha Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([10]), (il-Linji Gwida) dan it-tnaqqis preferibbilment għandu jiġi operat fis-sena jew fis-snin ta' wara mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd eċċessiv mill-kwota.

(7) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati b'rabta mat-tnaqqis propost mill-kwoti allokati għal stokkijiet oħrajn minbarra dawk li ġew mistada żżejjed.

(8) Barra minn hekk, jidher li ċertu tnaqqis previst mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 jeċċedi l-kwota adattata disponibbli fis-sena 2020 u, b'riżultat ta' dan, ma jistax isir kollu f'dik is-sena. Skont il-Linji Gwida, jenħtieġ li l-ammonti li jifdal jitnaqqsu mill-kwoti adattati disponibbli fis-snin ta' wara sa ma jintradd lura l-ammont kollu tas-sajd eċċessiv.

(9) Barra minn hekk, l-awtoritajiet tas-sajd Spanjoli skoprew li ċ-ċifri tal-qabdiet tal-2019 użati għall-kalkolu tas-sajd eċċessiv għat-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT) kienu żbaljati u li l-kwota tiegħu fil-fatt inqabżet b'ammont aktar baxx minn dak li tqies għat-tnaqqis stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu aġġustati ċ-ċifri tal-qabdiet, ir-rata ta' konsum tal-kwota, il-kwantitajiet mistada żżejjed, u t-tnaqqis mill-kwota Spanjola tal-2020 għat-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247.

(10) Fl-2019, il-kwota tiegħu għall-alonga ġiet mistada żżejjed mill-Portugall fl-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N (ALB/AN05N). Fl-14 ta' Lulju 2020, il-Portugall talab biex it-tnaqqis dovut jitqassam fuq sentejn. Skont il-punt 3(c) tal-Linji Gwida, it-tqassim ta' tnaqqis fuq sentejn jew aktar jista' jiġi aċċettat meta dan ikun previst skont regoli internazzjonali speċifiċi (bħal dawk tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd) relatati mal-ħlasijiet lura għall-istokk ikkonċernat. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall u meta jitqies li l-paragrafu 7 tar-Rakkomandazzjoni Supplimentari 16-06 tal-ICCAT, dwar l-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku, il-Programm Multiannwali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ([11]), jistabbilixxi li kwalunkwe eċċess tal-kwota/limitu tal-qbid annwali ta' Parti Kontraenti għas-sena 2019 għandu jitnaqqas mill-kwota/limitu ta' qbid rispettiv(a) matul jew qabel is-sena ta' aġġustament 2021, jenħtieġ li jiġi aċċettat tqassim ugwali fuq sentejn tat-tnaqqis, inkluż il-fatturi multiplikaturi rilevanti applikabbli. Għalhekk jenħtieġ li t-tnaqqis mill-kwota tal-2020 previst mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 jiġi aġġustat.

(11) Xorta jistgħu jseħħu aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti, ta' żbalji, omissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 jiġi emendat skont dan,

---

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1247 tat-2 ta' Settembru 2020 li japplika tnaqqisiet mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2020 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 288, 3.9.2020, p. 21).

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (2012/C 72/07) (ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27).

([11]) https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2016-06-e.pdf

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għall-2020 fir-Regolamenti (UE) 2018/2025, (UE) 2019/1838, (UE) 2019/2236 u (UE) 2020/123 imsemmijin fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitnaqqsu billi jsir it-tnaqqis b'rabta mal-istokkijiet alternattivi stabbilit f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2020 LI JRIDU JIĠU APPLIKATI FUQ STOKKIJIET ALTERNATTIVI

STOKKIJIET MISTADA ŻŻEJJED							STOKKIJIET ALTERNATTIVI					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2020 għall-istokk mistad iżżejjed (f'kilogrammi)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd tal-2020 għall-istokkijiet alternattivi (f'kilogrammi)
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	33 968		**DK**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	33 968
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	18 338		**ES**	REB	1N2AB.	Redfish	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	18 338
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	3 895		**ES**	REB	1N2AB.	Redfish	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	3 895
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	2 607		**ES**	REB	1N2AB.	Redfish	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	2 607
FR	SWO	AS05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku fin-Nofsinhar ta' 5° N	3 500		**FR**	ALB	AS05N	Alonga tan-Nofsinhar	L-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N	3 500

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1247 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

TNAQQISIET MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦALL-2020 GĦALL-ISTOKKIJIET LI ĠEW MISTADA ŻŻEJJED

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Il-kwota oriġinali tal-2019 (f'kilogrammi)	Il-ħatt l-art permess għall-2019 (kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2019 (il-kwantità f'kilogrammi)	Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Is-sajd eċċessiv meta mqabbel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2020 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2020 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7) (il-kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2020 għall-istokkijiet mistada żżejjed (il-kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2021 u għas-sena/snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi)
DE	HER	4AB.	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	39 404 000	25 460 900	27 182 070	106,76 %	1 721 170	/	/	/	1 721 170	1 721 170	/	/
DE	MAC	2CX14-	Kavalli	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u tas-Subdiviżjonijiet 22-32	441 000	14 859 024	15 542 581	104,60 %	683 557	/	/	/	683 557	683 557	/	/
DK	MAC	2CX14-	Kavalli	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 5b; l-ilmijiet internazzjonali 2a, 12 u 14	/	2 688 463	2 693 920	100,20 %	5 457	/	/	/	5 457	5 457	/	/

DK	MAC	2A34.	Kavalli	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u tas-Subdiviżjonijiet 22-32	14 480 000	13 330 744	14 022 305	105,19 %	691 561	/	/	/	691 561	691 561	/	/
DK	MAC	2A4 A-N	Kavalli	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a	10 242 000	10 252 106	11 197 228	109,22 %	945 122	/	/	/	945 122	945 122	/	/
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	17 000	50 968	299,81 %	33 968	1,00	/	/	33 968	/	33 968	/
ES	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	9 415 300	8 941 151	9 090 055	101,67 %	148 904	/	C ([8])	/	148 904	148 904	/	/
ES	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	11 562 000	8 455 844	8 463 118	100,09 %	7 274	/	/	/	7 274	7 274	/	/
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	2 000	14 225	711,25 %	12 225	1,00	A	/	18 338	/	18 338	/
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	31 800	35 695	112,25 %	3 895	1,00	/	/	3 895	/	3 895	/
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	196 000	198 607	101,33 %	2 607	/	/	/	2 607	/	2 607	/
ES	FLX	N3LN.	Redfish	Iż-żona 3LN tan-NAFO	/	515 100	517 806	100,53 %	2 706	/	/	/	2 706	2 706	/	/
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 9	15 000	15 000	15 511	103,41 %	511 ([9])	Ma japplikax	Ma japplikax	2 067	2 067	0	/	2 067
FR	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	4 167 700	4 167 700	4 687 551	112,47 %	519 851	1,20	C	/	883 747	883 747	/	/

FR	RJE	7FG.	Raja ghewejna	L-ilmijiet tal-Unjoni 7f u 7 g	79 000	90 399	91 485	101,20 %	1 086	/	/	/	1 086	1 086	/	/
FR	RJU	7DE.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 7d u 7e	103 000	168 000	177 718	105,78 %	9 718	/	/	/	9 718	9 718	/	/
FR	SWO	AS05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku fin-Nofsinhar ta' 5° N	/	/	3 500	Majapplikax	3 500	/	/	/	3 500	/	3 500	/
GP	COD	N1GL14	Bakkaljaw	L-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14	364 000	353 500	353 500	100 %	0	/	/	4 167	4 167	4 167	/	/
GP	HER	4AB.	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	55 583 000	62 320 196	62 607 628	100,46 %	287 432	/	/	/	287 432	287 432	/	/
GP	MAC	2CX14-	Kavalli	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 5b; l-ilmijiet internazzjonali 2a, 12 u 14	152 115 000	145 768 635	154 072 694	105,70 %	8 304 059	/	A [8]	/	8 304 059	8 304 059	/	/
GP	RJU	7DE.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 7d u 7e	58 000	61 200	63 133	103,16 %	1 933	/	/	/	1 933	1 933	/	/
EL	BFT	AE45WM	Tonn	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran	285 110	304 110	312 690	102,82 %	8 580	/	C [8]	/	8 580	8 580	/	/

IE	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	2 854 300	3 115 420	3 213 170	103,14 %	97 750	/	C ([8])	/	97 750	97 750	/	/
NL	HER	4CXB7D	Aringa	4c, 7d għajr l-istokk tal-Blackwater	18 162 000	19 497 305	19 512 481	100,08 %	15 176	/	/	/	15 176	15 176	/	/
NL	MAC	2A34.	Kavalli	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u tas-Subdiviżjonijiet 22-32	1 342 000	1 494 000	2 012 324	134,69 %	518 324	1,40	/	/	725 654	725 654	/	/
PT	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	1 994 200	1 794 200	2 463 161	137,28 %	668 961	1,40	C	/	1 271 026	635 513 ([10])	/	635 513 ([10])
PT	ARU	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	164 000	149 034	156 756	105,18 %	7 722	/	A ([8])	/	7 722	7 722	/	/
PT	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	50 440	7 076	18 016	254,61 %	10 940	1,00	A	/	16 410	16 410	/	/
PT	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 9	15 000	21 705	24 589	113,29 %	2 884	1,00	/	/	2 884	2 884	/	/
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana ta' 5° N	1 010 390	2 410 390	2 414 333	100,16 %	3 943	/	/	/	3 943	3 943	/	/
SE	MAC	2A34.	Kavalli	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u tas-Subdiviżjonijiet 22-32	4 034 000	2 945 203	3 075 839	104,44 %	130 636	/	/	/	130 636	130 636	/	/"

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2018 għall-2019 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2017, fl-2018 u fl-2019. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa suġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena/snin ta' qabel.

(6) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2020.

(7) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2020 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fl-Il-Ħamis, 10 ta' Settembru 2020.

(8) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jistax jiġi applikat billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

(9) Kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqisux.

(10) Wara t-talba ta' Portugall, it-tnaqqis ta' 1 271 026 kilo li jrid isir fl-2020 se jitqassam nofs b'nofs fuq sentejn (l-2020 u l-2021).